Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 600/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**PETER FARRUGIA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Peter Farrugia ta' 41 sena, bin John u Concetta nee' Debono, imwieled l-Imtarfa nhar il-5 ta' Awissu, 1962, li joqghod fil-fond numru 24, Triq ic-Cimiterju, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 464362 (M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Lulju, 2004, ghall-habta tat-7.45 ta' fil-ghaxija, fi Triq Hal Luqa, gewwa Hal Tarxien, b'sewqan traskurat, bla kont u b'sewqan perikoluz, saq

vettura tal-ghamla Toyota, mudell Starlet, bin-numru tar-registrazzjoni LCE 097 u bil-konsegwenza ta' dan ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joyce Attard minn Rahal Gdid, liema ferita ggib debulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifikat minn Dr Jesmond Cassar (Medical Warrant no 1906) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u Dr Francis Borg MD mill-klinika St James, Haz-Zabbar, u dana bi ksur tal-Artikolu 216 (1)(b) u l-Artikolu 328(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu Maria Farrugia skond kif iccertifikata minn Dr Jesmond Cassar MD (Medical Warrant no 1906) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-perusna ta' Rita Piscopo skond kif iccertifikata minn Dr Jesmond Cassar MD (Medical Warrant no 1906) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur tal-Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Toyota, mudell Starlet, bin-numru tar-registrazzjoni LCE 097 b'giri aktar milli jmissu u dana bi ksur tal-Artikolu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-17 ta' Frar, 2005, li permezz taghha nhargu l-Artikoli tal-Ligi fil-konfront tal-imputat.

Rat li l-partijiet fl-ahhar seduta tal-24 ta' Frar, 2005, irremettew ruhhom ghall-provi.

Rat l-Artikoli 216 (1) (a)(b)(c)(d), 328, u 533 tal-Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------